Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,167, 26 ta' Settembru, 1995
Taqsima B

A.L. 129 ta' l-1995

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-1995 dwar l-Użu ta' Seat Belts fuq Vetturi bil-Mutur

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, u bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, il-Kummissarju tal-Pulizija, bil-parir tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku, u iċ-*Chairman* ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, bil-kunsens tal-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 dwar l-Użu ta' *Seat Belts* fuq Vetturi bil-Mutur.

(2) Id-diversi dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom isiru japplikaw għar-rigward ta' klassijiet differenti jew tipi differenti ta' vetturi bil-mutur li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu speċifikati b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk speċifikati dati differenti għal għanijiet differenti u għal dispożizzjonijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti jew għar-rigward ta' klassijiet differenti (inkluża s-sena ta' produzzjoni u l-mudell) ta' vetturi bil-mutur.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tehtieġx mod ieħor —

"adult" tfisser persuna li tkun għalqet l-għaxar snin;

"*Chairman*" tfisser iċ-*chairman* ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku;

"*child safety lock*" tfisser sokra li tista' biss titħaddem minn adult u li hi intiża biex tiżvija lil tifel milli joqgħod ibagħbas ma' dik is-sokra;

"*driver*" tfisser dik il-persuna li ssuq vettura bil-mutur fit-triq;

"karrozza speċifikata" tfisser vettura mgħammra b'*seat belt* kif imfisser fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti;

"Kummisssarju" tfisser il-Kummissarju tal-Pulizija;

"mezz ta' rbit għat-tfal" tfisser sedil mobbli li fih tintrabat persuna bħal f'arness, li jiġi ħekk approvat mill-Kummissarju jew miċ-*Chairman,* skond il-każ, bħala sedil li mhuwiex ta' periklu li jintuża mit-tfal;

"naħa ta' quddiem tal-vettura" tfisser l-ispazju bejn is-sedil tad-*driver* u s-sedil ta' maġembu li jħares 'il quddiem, u l-*windscreen* tal-vettura;

"naħa ta' wara tal-vettura" tfisser l-ispazju li tiġi minnufih wara n-naħa ta' quddiem tal-vettura;

"*seat belt*" tfisser ċinturin ankrat minn tliet pożizzjonijiet jew ċinturin li jorbot il-ħoġor ta' persuna mas-sedil, li jkun ta' dik l-għamla li l-Kummissarju jew iċ-*Chairman*, skond il-każ, jista' japprova;

"tifel" tfisser persuna li ma tkunx għalqet l-għaxar snin;

"vettura bil-mutur" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lil "*motor-car*" fl-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u hija limitata għal *private car,* vettura bil-mutur *self-drive, taxicar,* vettura bil-mutur, għall-kiri, inġenji ta' l-invalidi u *motor minibus,* kif imfissra fir-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur, meta dik il-vettura tkun kostruwita għall-użu fit-triq, ikollha mill-anqas erba' roti u veloċità massima indikata ta' iktar minn 25 kilometru fis-siegħa.

A.L. 128 ta' l-1994

Il-vetturi bil-mutur ikunu mgħammra bis-*seat belts.*

3. (1) Il-Kummissarju jew iċ-*Chairman*, skond il-każ, għandhom jispeċifikaw b'avviż fil-Gazzetta s-sena ta' produzzjoni ta' dawk il-vetturi bil-mutur li għandhom jiġu mgħammra bis-*seat belts*.

(2) Ebda vettura bil-mutur li tkun ġiet ħekk speċifikata mill-Kummissarju jew miċ-*Chairman*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "karrozza speċifikata", ma għandha tinsaq fit-triq kemm-il darba ma jkollhiex dawk is-*seat belts* li jistgħu jiġu ħekk speċifikati u li jkunu maħsuba sabiex jipproteġu lid-*driver* u lil kull passiġġier ieħor li jkunu qegħdin jivvjaġġaw fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura.

4. Kull min ikun qed jivvjaġġa bħala *driver* jew bħala passiġġier fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura f'karrozza speċifikata għandu juża *seat belt*: Użu ta' *seat belts*.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma japplikawx għal persuna li tkun—

(a) qed tuża vettura bil-mutur kostruwita jew adattata għall-konsenja jew ġbir ta' oġġetti filwaqt li tkun qed tagħmel ir-ronda f'xi lokal għall-konsenja jew ġbir ta' oġġetti; jew

(b) qed tirriversja jew timmanuvra l-vettura bil-mutur għal distanza qasira fi spazju limitat; jew

(ċ) *driver* kwalifikat li jkun qed jissorvelja lid-detentur ta' liċenza ta' min irid jitgħallem isuq waqt li dak id-detentur ikun qed jagħmel xi manuvra minn dawk imsemmija fil-paragrafu (b) ta' dan ir-regolament; jew

(d) eżentata mill-Kummissarju jew miċ-*Chairman*, skond il-każ, milli tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għal dawk ir-raġunijiet speċjali li jistgħu jiġu speċifikati bil-miktub mill-Kummissarju jew miċ-*Chairman*; jew

(e) membru tal-Korp tal-Pulizija jew tas-Servizz tal-Ħabs filwaqt li tkun qed tipproteġi jew tiskorta lil xi persuna; jew

(f) fis-servizz ta' skwadra tat-tifi tan-nar u tkun qed ixxidd ilbies jew iġġorr tagħmir li għandu x'jaqsam ma' dan; jew

(ġ) tabib jew assistent mediku filwaqt li jkunu qed jieħdu ħsieb pazjenti li jkunu qed jivvjaġġaw f'ambulanza; jew

(ħ) persuna b'disabilità li tkun qed tuża mezz ta' irbit tajjeb; jew

(i) qed tagħmel eżami ta' kompetenza fis-sewqan; jew

(j) id-*driver* ta' *taxicar* filwaqt li jkun qed ifittex kirja jew sejjer lejn fejn tkun se tibda kirja, jew li jkun qed jittrasporta passiġġier waqt kirja, skond il-każ.

5. (1) Persuna ma għandhiex mingħajr ma jkollha skuża raġonevoli, issuq vettura bil-mutur fit-triq jekk, ikun hemm tifel fuq in-naħa ta' wara tal-vettura li ma jkunx imsieħeb minn persuna adulta, Sigurezza għat-tfal.

jew kemm-il darba l-bibien ta' wara tal-vettura ma jkunux mgħammra u msakkrin b'*child safety lock*.

(2) Tifel jista' biss jivvjaġġa fuq in-naħa ta' quddiem ta' vettura jekk ikun qiegħed juża *seat belt* jew mezz ta' irbit għat-tfal tajjeb:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma japplikawx fil-każ ta' tifel li jkun qed jivvjaġġa fuq in-naħa ta' quddiem ta' vettura meta l-Kummissarju jew iċ-*Chairman*, skond il-każ, ikun sodisfatt, għal raġunijiet mediċi, li ma jkunx ta' parir tajjeb li dak it-tifel juża *seat belt* u tinħareġ eżenzjoni bil-miktub li tkun tgħid dan mill-imsemmi Kummissarju jew *Chairman*.

Responsabbiltà kriminali.

6. Kull meta ssir kontravvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun hemm responsabbiltà kriminali kif ġej:–

(a) għar-rigward tar-regolament 3, ir-responsabbiltà tkun taqa' fuq l-utent reġistrat jew is-sid tal-vettura bil-mutur, kemm-il darba ma jġibx prova qabel jew matul il-proċedimenti li dik il-vettura bil-mutur tkun intużat fit-triq mingħajr il-permess jew l-awtorità tiegħu;

(b) għar-rigward tar-regolament 4, ir-responsabbiltà tkun taqa' fuq id-*driver* jew fuq il-passiġġier adult li ma jilbsux is-*seat belt*;

(ċ) għar-rigward tar-regolament 5, ir-responsabbiltà tkun taqa' fuq id-*driver* li jkun qed isuq il-vettura bil-mutur fil-waqt li jsir ir-reat.